# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 244/2020 GĦAR-REVOKA TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU KAWTELATORJU NUMRU 1412/2020 FL-ISMIJIET: **ANDRE PIO CATANIA (K.I. 521459M) U DENISE CATANIA (K.I. 63102L) V. SHANAT PATEL (K.I. 109302A) U HEATHER PATEL (K.I. 109303A)**

(TALBA GĦAL PENALI AI TERMINI TAL-KAP. 12 ART. 836(8)(A))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17 ta' Jannar 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors tal-Avukat Dr. Alan Zerafa bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' l-assenti Shanat Patel u Heather Patel ("ir-rikorrenti sekwestrati" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2020,

wara li rat ir-risposta ta' Andre Pio Catania u Denise Catania ("l-intimati sekwestranti" jew "l-intimati") ippreżentata fis-26 ta' April 2021,

wara li semgħet ix-xhieda tax-xhud prodott mir-rikorrenti,

wara li rat id-dokumenti ppreżentati fl-atti proċesswali,

wara li rat li fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021 r-rikorrenti rtiraw l-ewwel u t-tielet talbiet tagħhom biex żammew fis-seħħ biss it-tieni talba,

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ppreżentati:

- għar-rikorrenti mill-Avukat Dr. Alan Zerafa, u
- għall-intimati mill-Avukat Dr. Angele Formosa,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

    1. tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1412/2020 maħruġ fl-ismijiet premessi a tenur tal-Art. 789(1)(b), Art. 836 (1)(a) u (b) "*u kull artikolu u sub-artikolu ieħor rilevanti tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*",

    2. tikkundanna lill-intimati *in solidum* jħallsu lir-rikorrenti penali ai termini tal-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u

    3. tikkundanna lill-intimati *in solidum* jħallsu lir-rikorrenti d-danni sofferti minnhom skond dak li jipprovdu I-Art. 836(9) u/jew 843(2) tal-istess Kap. 12.

2. L-intimati min-naħa tagħhom talbu li din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti billi *inter alia* fil-frattemp laħqu intavolaw kontromandat biex b'hekk il-mandat *de quo* m'għadux fis-seħħ.

3. Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021 ir-rikorrenti formalment irtiraw l-ewwel u t-tielet talba iżda żammew ferm it-tieni talba tagħhom, ċioe it-talba għall-penali taħt l-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12.

**Proċeduri għal revoka ta' mandat kawtelatorju taħt l-Art. 836 tal-Kap. 12**

4. L-eżami li għandha tagħmel il-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta huwa wieħed *prima facie* u dan għaliex eżami approfondit tal-mertu tal-kawża suppost għandu isir fil-kawża proprja. F'dan il-każ partikolari, il-kawża baqgħet ma' nfetħitx entro t-terminu stipulat mill-liġi u dan in-nuqqas filfatt jifforma l-bażi tat-talba rimanenti tar-rikorrenti.

5. Permezz tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni l-intimati sekwestranti riedu jqiegħdu fiż-żgur pretensjoni ta' kreditu ta' € 17,000 rappreżentanti serviġi reżi lir-rikorrenti sekwestrati.

6. Ir-rikorrenti sekwestrati inizjalment talbu li dan il-mandat kawtelatorju jitħassar u jiġi ddikjarat null *ab initio* ai termini tal-Art. 789(1)(b) tal-Kap. 12 peress illi nħareġ minn Qorti mhux kompetenti u dan għaliex l-ammont pretiż kien jaqbeż il-kompetenza tagħha. Inoltre talbu li l-istess jitħassar ai termini tal- Art. 836 (1)(a) u

(b) għaliex l-intimati sekwestranti naqsu milli jintavolaw kawża fiż-żmien stipulat mill-liġi ai termini tal-Art. 833A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Kif ġa ngħad sussegwentement ir-rikorrenti formalment irtiraw it-talba għar-revoka tal-mandat (stante illi dan fi kwalunkwe każ ma' baqax fis-seħħ bil-ħruġ tal-kontromandat fit-13 ta' Mejju 2021) u t-talba għall-ħlas tad-danni. Jibqa' għalhekk biss it-talba għall-ħlas tal-penali taħt l-Art. 836(8)(a) liema talba hija mibnija fuq l-istess premessa u ċioe dik illi l-kawża ma' ġietx intavolata fiż-żmien stipulat.

8. L-Art. 833A imsemmi jgħid hekk:

*'833A. Meta tiġi preżentata u konfermata bil-ġurament ittra uffiċjali skont l-artikolu 166A, jistgħu minnufih wara jiġu preżentati u konfermati bil-ġurament il-mandati kawtelatorji msemmijin fl-artikolu 830(1)(a), (b) u (d):*

*Iżda meta tiġi preżentata dik l-ittra uffiċjali, ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa jew parzjali jew inkella fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skont liema data tiġi l-ewwel:*

*Iżda wkoll ma jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, f'każ li l-mandat kawtelatorju jiġi kkonvertit f'wieħed eżekuttiv jew jiġi mneħħi permezz ta' kontro-mandat.'*

9. Jirriżulta lill-Qorti mid-dokumenti esebiti mix-xhud **<u>Etienne Scicluna</u>** (in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali) fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021 illi:

- Il-mandat kawtelatorju *de quo* ġie ppreżentat flimkien ma' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A fl-**<u>14 ta' Ottubru 2020</u>** liema ittra baqgħet ma' ġietx formalment notifikata lir-rikorrenti.

- Ġiet ippreżentata nota ta' kontestazzjoni sħiħa mir-rikorrenti fil-**<u>11 ta' Novembru 2020</u>** liema nota ma' ġietx notifikata lill-intimati.

- Fid-**<u>19 ta' Frar 2021</u>** ġiet intavolata l-kawża għall-jedd pretiż fil-mandat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili **<u>flimkien ma' mandat kawtelatorju ieħor</u>** quddiem l-istess Qorti għall-istess jedd.

- Ġie intavolat kontromandat sabiex jitwaqqa' l-mandat *de quo* **fit-28 ta' April 2021** liema kontromandat ġie milqugħ bid-digriet tat-13 ta' Mejju 2021.

10. B'hekk l-ewwel u l-iktar terminu kmieni li matulu l-intimati sekwestranti kellhom jressqu l-kawża kien dak ta' għoxrin ġurnata mid-data tal-kontestazzjoni tal-11 ta' Novembru 2020, ossia' sal-**1 ta' Diċembru 2020**.

11. Fid-digriet mogħti fl-ismijiet: "**Carmel Farrugia et v. Charmaine Farrugia pro et noe**" (660/2012 JRM, 2 ta' Awwissu 2012) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet kif ġej dwar l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12:

    "*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali.*

    *Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha.*

    *Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż*"

12. Fir-risposta tagħhom għar-rikors l-intimati sekwestranti *inter alia* spjegaw illi huma kienu qed jagħmlu biss uża minn drittijiet li tagħtihom il-liġi, illi huma kellhom u għad għandhom interess li jikkawtelaw kreditu dovut lilhom tant illi huma fetħu kawża u mandat kawtelatorju ieħor sussegwentement u illi l-aġir sanzjonat b'penali huwa dak illi jsir b'mod malizzjuż u mhux bħal f'dal-każ fejn l-intimati tabilħaqq kellhom kreditu x'jikkawtelaw. Sussegwentement fin-nota finali tagħhom argumentaw ukoll illi huma ma' setgħux jiftħu l-kawża fi żmien għoxrin ġurnata

mid-data tal-kontestazzjoni tal-ittra uffiċjali peress illi ma' kienux ġew notifikati biha.

**Konsiderazzjonijiet**

13. Il-Qorti qabel xejn ma' taqbilx mal-argument tal-intimati illi sabiex tilqa' t-talba għall-imposizzjoni ta' penali l-Qorti trid issib li l-aġir tagħhom kien wieħed malizzjuż. Dan m'huwiex dak li titlob il-liġi fl-Art. 836(8) li jipprovdi kif ġej:

*'836. (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:*

*(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*

*(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja*'

Il-kawżali dwar aġir malizzjuż, frivolu u vessatorja huwa wieħed minn erba' li jaqgħu taħt l-Art. 836(8) u f'dan il-każ m'huwiex dak li qed jiġi invokat mir-rikorrenti. Dawn filfatt qed jitolbu l-ħlas ta' penali biss taħt l-ewwel kawżali (Art. 836(8)(a)) u ċioe dik illi r-rikorrenti, **<u>mingħajr raġuni valida</u>**, ma għamlux il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi. Kwindi m'għandux għalfejn jirriżulta xi malizzja sabiex tintlaqa' din it-talba kif dedotta.

14. Li trid tagħmel il-Qorti huwa li tara jekk l-intimati rnexxielhomx jipprovaw li kellhom raġuni valida li ma' jiftħux il-kawża fiż-żmien stipulat.

15. Fid-digriet fl-ismijiet **Av. Thomas Bugeja noe v. EveryyMatrix Ltd** (Rik Nru. 120/2019 RGM, 28/03/2019) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'kuntest fejn il-kawża infetħet wieħed u għoxrin jum wara li ħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (ossia ġurnata waħda biss aktar mit-terminu stabbilit mil-liġi) qalet hekk:

*"Huwa minnu illi t-terminu legali inqabez b'ġurnata waħda biss. Huwa minnu wkoll illi dan mhux każ fejn wieħed ottjena l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju imbagħad ittraskura u ma ppreżentax kawża jew ippreżentaha ġimgħat jew xhur wara. Izda huwa minnu wkoll li dawn it-termini huma ta' ordni pubbliku u għandhom jigu osservati ad unguem. Nonostante li l-paragrafu (a) tas-subartikolu 8 tal-Artikolu 836 jagħmel referenza għal "raġuni valida" is-sekwestrant ma jagħti l-ebda raġuni għal dan in-nuqqas, anke jekk huwa wieħed qasir...*
*... l-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi s-soċjeta sekwestrata ħalliet sitt xhur jgħaddu qabel ma talbet il-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv u l-ħlas tal-penali...*
*... fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti qed tikkonkludi illi n-nuqqas tas-sekwestrant kien wieħed ta' negliġenza u mhux abbuż tal-proċedura. Din il-Qorti hija tal-fehma li hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex is-sekwestrant jiġi kkundannat iħallas lis-soċjeta sekwestrata l-penali kif mitlub iżda din għandha tkun fil-minimu tagħha u ċioe ta' €1,164.69."*

16. Fid-digriet fl-ismijiet **Instacoins Ltd v. Truevo Payments Ltd** (Rik. Nru. 763/20RGM, 17/12/2020) intqal hekk mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivil fil-kuntest ta' kawża li ġiet intavolata disat ijiem oltre mit-terminu prefiss:

*"Jrrizulta mill-atti, u mhux ikkontestat. illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 970/20 inhareg b'digriet tad-29 ta' Lulju 2020 u ghalhekk it-terminu ta' ghoxrin jum li fih il-kawza fil-mertu kellha tigi intavolata kien jaghlaq fit-18 ta' Awissu 2020. Il-kawza giet intavolata fis-27 ta' Awissu 2020. Is-socjeta' sekwestranti intimata f'dawn il-proceduri ma taghti l-ebda raguni ghaliex it-terminu legali ma giex rispettat. Tissottometti s-socjeta' sekwestranti illi l-Qorti m'ghandiex tirrevoka l-mandat peress li t-terminu legali inqabes biss bi ftit jiem. Tissottometti wkoll illi l-Artikolu 836 (1) (a) huwa intiz mhux sabiex jindirizza kazijiet bhal dawk in ezami izda qed tirreferi ghal meta jinhareg mandat kawtelatorju u s-sekwestrant jibqa' ma jsegwix b'kawza u lanqas jirtira l-mandat. Huwa minnu illi n-nuqqas ta' min jipprezenta kawza ftit jiem wara li jkun ghalaq it-terminu ta' ghoxrin jum mid-digriet li jordna l-hrug ta' mandat kawtelatorju mhux ta' l-istess gravita' bhal meta, wara li jinhareg mandat kawtelatorju, l-ezekutant ma jipprocediex sabiex jintavola kawza u lanqas jirtira l-istess mandat. Pero' dak li qed tissottometti s-socjeta' intimata ma jsibx konfort fil-ligi.*

*Artikolu 843 tal-Kap 12 ma jaghti lok ghal ebda dubju dwar l-interpretazzjoni tieghu. Sub-inciz 1 jipprovdi tassattivament li rikorrent f'mandat kawtelatorju "ghandu" jintavola l-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat u dan fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat. Tenut kont li l-ligi ta' procedura hija ligi ta' ordni publiku, mhux konsentit illi tinghata interpretazzjoni wiesgha. Ghall-kuntrarju, hija regolata b'interpretazzjoni stretta in konformita' ma dak espress mill-Legislatur, anke ghaliex ligijiet ta' ordni publiku jaspiraw lejn l-uniformita' fl-applikazzjoni tal-ligi bhal dik li tirregola l-procedura gudizzjarja...*

*... Fil-fehma tal-Qorti jekk jirrizulta illi l-kawza ma gietxipprezentata fit-terminu legali minghajr ebda raguni tajba, id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti ma hiex jekk tordnax jew le penali izda biss jekk tordnax il-minimu, jew il-massimu jew ammont x'imkien bejn il-minimu u l-massimu. Una volta jirrizultaw l-estremi kontemplati fl-artikolu 836 (8) (a) id-diskrezzjoni tal-Qorti tinstab biss fil-quantum tal-penali li l-Qorti ghandha timponi. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx illi ghandha timponi l-massimu u dan peress li rrizulta illi l-kawza fil-fatt giet ipprezentata mhux wisq wara li skada t-terminu legali.... Ghalhekk il-Qorti fic-cirkostanzi ser timponi l-minimu tal-penali kontemplata fil-ligi."*

17. Il-Qorti tħoss illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern hemm każ ċar ta' ksur ta' proċedura min-naħa tal-intimati. Ibda biex huma ressqu l-kawża għall-jedd pretiż minnhom **tlett xhur u ġimgħa** wara li ġiet intavolata n-nota ta' kontestazzjoni u flimkien ma' dik il-kawża, miftuħa quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, huma ppreżentaw mandat kawtelatorju ieħor quddiem l-istess Qorti sabiex jikkawtelaw l-istess jedd. Għal iżjed minn **xahrejn** huma għalhekk kellhom *in vigore* żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji identiċi għall-istess jedd kontra l-istess persuna, waħda quddiem din il-Qorti u l-oħra quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Dan ukoll minkejja li ġew notifikati bir-rikors ta' revoka *de quo* fit-12 ta' Frar 2021.

18. Huwa possibbli illi kreditur jkollu raġuni tajba illi ma' jiftaħx il-kawża fiż-żmien stabbilit, bħal pereżempju meta fil-mori tal-istess terminu l-partijiet jittransiġu jew jippruvaw jittransiġu u jagħmlu talba konġunta għall-estensjoni tat-terminu. F'dak il-każ ikun hemm raġuni tajba għala l-kreditur ma' jiftaħx il-kawża fit-terminu prefiss lilu u għalhekk l-ebda penali ma' tkun dovuta.

19. L-unika raġuni li ngħatat f'dan ir-rigward mill-intimati kienet dik li tressqet fit-trattazzjoni u ċioe illi huma ma' setgħux jippreżentaw il-kawża peress illi ma' kienux ġew notifikati bin-nota ta' kontestazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti.

20. Il-Qorti tqis però illi l-Art. 833A huwa ċar biżżejjed f'dan ir-rigward billi jirreferi biss għad-*"data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni"* u mhux għad-data tan-notifika tagħha. Inoltre anqas m'huwa rikjest taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 illi din in-nota oppożitorja tiġi notifikata lill-kreditur li jkun ippreżenta l-ittra uffiċjali. Hija responsabiltà' tal-kreditur li jaċċerta illi joqgħod b'mod skrupoluż mad-dettami tal-Art. 833A billi jsegwi l-andament proċedurali tal-mandat kawtelatorju li jkun ippreżenta. Dan proprju għaliex mandat kawtelatorju jinħareġ bir-responsabbiltà ta' min ikun talbu u l-Qorti tordna l-ħruġ ta' tali mandat prattikament mingħajr l-ebda indaġini. B'hekk huwa impellenti fuq kwalunkwe persuna li tikseb mandat kawtelatorju li ssegwi b'reqqa l-provvedimenti tal-liġi.

21. Għalhekk il-Qorti tħoss li hemm raġuni tajba biżżejjed sabiex l-intimati jiġu kkundannati jħallsu lir-rikorrent penali ai termini tal-Art. 836(8)(a). Il-Qorti ser tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex timponi biss l-ammont minimu ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69).

**Deċiżjoni**

22. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tilqa' t-talba u tikkundanna lill-intimati sekwestranti jħallsu lir-rikorrenti sekwestrati penali fl-ammont ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) ai termini tal-Art. 836(8)(a) tal-Kap. 12 bl-ispejjeż kontra l-istess intimati.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur